MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Numru 765/2006

1. L-imputazzjonijiet dedotti kontra Kenneth Tabone ta' 22 sena iben Joseph u Rebecca nee Pace imwieled il-Pieta' fl-4 ta' Ġunju 1984 u residenti 13 Triq il-Ġermanju Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 286584 (M)

Akkużat talli:

i. Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju 2006 fi Triq Ball f'San Ġiljan, ikkometta serq ta' vettura ta' l-għamla Subaru J 10 bin-numru ta-reġistrazzjoni FAW 342, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitt lira Maltija (233 Ewro) iżda ma jeċċedix l-elf lira Maltin (2330 Ewro) bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin u dan għad-dannu ta' Emilio Buttigieg;

ii. Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, ma obdiex l-odrnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat mis-ervizz pubbliku u cioe' membri tal-Korp tal-Pulizija jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li qed

jaqdu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xo mod ieħor bla jedd, indaħal fi dmirhom, billi ma ħallihomx jagħmlu dak li b'liġi keinu ordnati jew jistgħu jagħmlu jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li kienu għamlu skond il-Liġi je b'xi mod ieħor li jkun;

iii. Kif ukoll talli fl-istess data u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAW 341 b'manjiera traskurata u perikoluża;

iv. U finalment qiegħed jiġi akkużat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provvedimenti tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta nhar it-22 ta' Mejju 2006.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat bin-numru 2865 ta' l-1984, il-fedina penali tiegħu, l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet (i), (ii) u (iv) bir-riżerva dwar l-ewwel imputazzjoni jekk din kinitx furto d'uso jew le, (fol.5), liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha, l-apoloġija li għamel l-imputat lil dawk kollha li kienu fir-roadblock, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali (a fol 7) u ta' l-imputat (a fol.8) sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji bl-imputat jikkonferma dan il-kunsens wara li ngħata ħain biżżejjed biex jaħsibha, l-istqarrija ta' l-imputat a fol.11, 12, u 13, ir-ritratti a fol.14, il-current incident report a fol.16 (Dok mm12) u il-current incident report a fol.18 (Dok MM 13).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur.

Ikkonsidrat.

5. Li ġaladarba l-imputat ammetta l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni, dawn huma ppruvati skond il-Liġi b'dan pero' li dwar l-ewwel imputazzjoni l-imputat dejjem irriżerva l-pożizzjoni tiegħu.

6. Il-Qorti qieset dawn il-punti.

**Fatti Li Jolqtu L-Ewwel Imputazzjoni u t-Tielet Imputazzjoni**

**L-Istqarrija ta' l-imputat**

7. Skond l-istqarrija ta' l-imputat huwa kien xorob fi ħwienet differenti waqt li kienu ma' persuni oħrajn. Huwa kien għolla l-pum tas-Subaru J 10 u sab il-karozza miftuħa. L-imputat qsabel kellu karozza Subaru u kien għad għandu ċ-ċavetta tagħha biss. B'din iċ-ċavetta huwa ddeċieda li flimkien ma' sħabu jmorru Ħal-Far fit-track tal-Go-carts. F'daqqa waħda ra l-beacon lights tal-Pulizija u ppannikja. Qabad mal-lane ta' barra u qasam minn fuq il-Lights li dak il-ħin kienu ħodor u ġibed għat-telgħa li tagħti għalfejn ir-roundabout li twasslek f'nofs it-triq ta' Ħal-Luqa. Hu u sieħbu ddeċidew li jipparkjaw il-karozza u jitilqu jiġru. L-imputat talab lift lill-vann li tellgħu iżda is-sewwieq induna li l-imputat kien xurban u qabbeż lill-imputat 'il barra mill-vann. Il-pulizija qabduh ftit wara.

8. L-imputat qal li kien tela' Paceville bil-landrover tiegħu.

9.Ma kienx jaf jagħti tweġiba għala kien ħa s-Subaru J 10 minn Paceville. Huwa żied jgħid li m'għaddiex minn mal-Pulizija eżatt (fol.13).

10. Meta kien mistoqsi jekk kienx għaddej bi speed eċċessiv huwa wieġeb:

**'Fil-mument li avviċinajt lejn il-Pulizija li resaq lejn nofs it-triq biex jagħmilli s-sinjal biex nieqaf jiena naqqast pero' kif rajtu jagħmilli s-sinjal biex nieqaf, erġajt żidt l-ispid u bqajt sejjer.'**

11. Fl-aħħarnett huwa qal li ma setax jolqot lill-Pulizija għax kien 'il bogħod mill-Pulizija u kien qed jarah sew għax il-Pulizija kien bil-flourescent light.

12. Fid-29 ta' Ġunju 2006, sid is-Subaru J10 irrapporta li x'ħin mar ifittex il-karozza biex imur għax-xogħol ma kienx sab il-vettura.

13. Xehed ukoll PS 305 Alfred Gauci li qal li waqt ir-roadblock in kwistjoni huma kellhom erba' tabelli. L-imputat ma naqqasx mill-veloċita' meta bdew jagħmlulu s-sinjal biex jieqaf. Ma żammx mal-lane miftuħa u għadda minn bejn it-tabelli. Il-Pulizija marru jfittxuh sakemm kellhom kuntatt dwaru madwar nofs siegħa wara. Ix-xhud qal li l-vettura kienet Subaru ta' kulur ċar FAW 341 u wara sar jaf li kienet misruqa. L-imputat ma kienx obda lill-Pulizija biex jieqaf. Minħabba l-mod kif kienu lebsin il-Pulizija l-imputat bilfors induna li kienu Pulizija. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-karozza seta' kellha tyre mifqugħ għaliex l-imputat kien baqa' dieħel ġo ħajt.

14. L-istess xhud kompla jgħid li malli ra d-dawl, l-imputat baqa' jsuq minn ħdejhom. Ma kenitx veloċita' żgħira u żgur ma kienx għaddej bil-għaxra. L-imputa baqa' għaddej minn fuq it-tabelli iżda ma kisirx għal ġo fihom. Xi pulizija kellhom iwarrbu sabiex għadda l-imputat. Li kieku ma warrbux, skond dan ix-xhud, jaħseb li kienu jintlaqtu. (fol.42). L-imputat probabbli ma riedx jolqothom iżda l-ispeed li kien għaddej bih seta' laqat hom. (fol.43). Fi ftit minuti l-imputat kienn Ħal-Luqa. (ara fol.43).

**Xhieda ta' l-imputat**

15. L-imputat qal li s-Subaru kienet miftuħa u hwa kellu ignition key li qablet. Huwa kein gaħdda minn bejn żewġ tabelli u ma tantx kien viċin tal-Pulizija. Il-puncture kien ġħadu Regional Road u baqa' jsuq bil-mod. L-imputat qal li bil-puncture ma tantx tista' ssuq. L-iskop li ħadu l-karozza kien biex imorru dawra biha. Illum il-ġurnata l-imputat għamel kors u jaħdem ta' arloġġar.

16. Fil-kontro-eżami nqratlu l-istqarrija u l-imputat ikkonfermaha bil-ġurament. (fol.50 et)

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Dwar l-ewwel imputazzjoni**

17. Il-Qorti qieset li l-imputat kien mar Paceville bil-karozza. Dan il-fatt minnu nnifsu ma jwassalx awtomatikament għall- konklużjoni li allura l-imputat ma kellux l-animus furandi'. L-ewwel element ta' serq – billi l-ħaġa tiċċaqlaq minn banda għall-oħra – qiegħed hemm. Aktar u aktar meta l-imputat kellu f'idejh ċavetta ta' Subaru. L-għażla ta' din l-għamla ta' karozza ma setgħetx kienet waħda bl-addoċċ għax l-imputat kien jaf x'ċavetta kellu fil-but u x'tip ta' karozza seta' jsuq. Għalhekk il-Qorti ma temminx li kollox sar każwalment kif qed jipprova jagħti l-impressjoni l-imputat iżda li l-għażla kienet ikkalkolata sew.

18. Iżda fil-kompless tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni u wara li rat sew l-istqarrija ta' l-imputat b'mod partikolari fejn intqal li l-imputat u sieħbu riedu jmorru Ħal-Far, il-Qorti qed tiddeċiedi li jissusisti b'mod ċar il-furto d'uso jew is-serq ta' ħaġa għall-użu biss, f'dan il-każ tal-karozza. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni ta' serq iżda minflok qed issibu ħati tar-reat ta' furto d'uso tal-karozzaai termini ta' l-artikolu 61 tal-Kap 65 liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat.

**Dwar it-tieni Imputazzjoni**

19. Din hija ammessa mill-imputat u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni ai termini ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap 9.

**Dwar it-Tielet Imputazzjoni**

20. L-imputat dejjem ikkontesta li huwa saq il-kaorzza FAW 341 b'manjiera traskurata u perikoluża. Mix-xhieda ta' PS 305 jirriżulta li l-imputat kien qed isuq ħaj u, skond dan ix-xhud l-imputat kien jolqot lil wieħed mill-Pulizija li kieku dan il-Pulizija ma warrabx min-nofs. Dan ix-xhud insista li baqa' għaddej minn fejn kienu huma b'veloċita' mhix żgħira.

21. Għal dak li hu sewqan tal-konvenut, il-Qorti tirreferi għall-każ 'Il-Pulizija versus Alfred Mifsud' tas-6 ta' Mejju, 1997[1] fejn il-Qorti rretiniet li:

***'Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' tas-sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll għal sewqan traskurat.***

***Omissis***

***Sewqan perikoluż (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-propjeta' tagħhom.***

***Omissis***

***Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż. (ara The Police versus Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali 21 ta' Mejju, 1996).***

22. L-imputat xehed li kien ħa puncture fi Triq Reġjonali u li għalhekk ma setax kien qed isuq b'veloċita'. Il-Qorti ma temminx li l-imputat kien ħa l-puncture hemm hekk għaliex b'puncture – minħabba l-friction ma' l-art – ma ser iħallik issuq dik id-distanza kollha bil-veloċita' li kien għaddej biha l-imputat. Fi ftit minuti l-imputat kien Ħal-Luqa u l-Pulizija leħquh biss għax kellhom karozza b'magna kbira. Dan il-fatt il-Qorti ma tistax tirrikonċiljah ma' karozza miexja b'puncture almenu jekk wieħed isegwi prinċipji bażiċi tal-Fiżika. Il-Qorti wkoll qed tqis bħala veritjiera id-deskrizzjoni ekwa ħafna tax-xhud PS 305 Alfred Gauci, li għandu esperjenza sew fis-sewqan. (fol.41) u li żgur ma

[1] Volume LXXXI Part IV 1997 paġina 159

bediex jipprova jesaġera huwa w jixhed kif setgħet tara u tiżen il-Qorti.

23. Barra dan, il-Pulizija kellha twarrab min-nofs meta rat l-imputat jibqa' għaddej u persuna minnhom setgħet tintlaqat li kieku ma warrbitx. Dan huwabla dubju sewqan perikoluż u l-Qorti mhix lesta li temmen il-verżjoni ta' l-imputat li huwa naqqas mill-ispeed għax f'nifs wieħed jerġa' jgħid li żied fl-ispid (dejjem bil-puncture) jew li hu kien 'il bogħod minn dawk li kienu qed jikkontrollaw it-traffiku fit-triq. Dan huwa sforz d aprti ta' l-imputat biex jeħles mir-responsabbilta' għal dak li għamel.

24. Barra dan l-imputat qabad u għadda minn bejn is-sinjali flok waqaf . Dan kien kemm sewqan kemm perikoluż għax qed ipoġġi l-ħajja fil-perikolu ta' min qiegħed jgħasses fil-qrib biex iżomm l-ordni kif ukoll huwa sewqan traskurat għax – kif jingħad fil-każistika ċitata - biex ma jilħaqs il-livell mistenni minn sewwieq prudenti. Fuq kollox, ex-admissisgħax skond l-istqarrija tiegħu stess, l-imputat kien xurban tant li xufier ta' vann li tah lift saħansitra qallu biex jinżel. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni.

**Ir-Raba' Imputazzjoni**

25. L-imputat ammetta din l-imputazzjoni fl-ewwel seduta, jiġifieri li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tat-22 ta' Mejju 2006.

**Konklużjoni**

26. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli l-artikolu 61 tal-Kap 65,[2] l-artikoli 17(f) u 338(ee) tal-Kap 9, l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, l-artikolu 23(1)(a)(2) tal-Kap 446 u l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba'imputazzjoni kif dedotti kontra tiegħu u qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni ta' serq kif

[2] L-artikolu 288 tal-Kap 9 jgħodd għal simple theft – serq sempliċi. Is-'serq' ta' karozza li tiswa aktar minn mitt lira Maltija (jew 233 Ewro) bil-fors huwa kwalifikat u għalhekk l-artikolu 61 tal-Kap 65 huwa aktar adatt.

dedotta iżda minflok qed issibu ħati ta' furto d'uso – reat li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni.

27. Dwar il-piena, il-Qorti qed tapplika l-artikolu 17(f) tal-Kap 9 u qieset ukoll l-apoloġija li għamel lill-Pulizija. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' 690 Ewro liema multa tista' titħallas b'rata ta' 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.
28. Il-Qorti qed tissospendi lill-imputat mili jsuq kwalunkwe vettura għal tliet xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------